# SKULTURI TAS-SEKLU 18
# ĠEROLAMO U FRANĠISKU FABRI

Silvio Cassar



■ Ġerolamo u Franġisku Fabri kienu aħwa skulturi fil-ġebla Maltija. Matul il-karriera tagħhom, Fabri għamlu diversi opri li għadhom isebbħu l-knejjes Maltin kif ukoll toroq. Insibu diversi statwi skolpiti fil-ġebla Maltija li ħarġu minn taħt dawn l-iskulturi. Il-familja Fabri kienet familja ta' skulturi mill-Birgu u kienu jaħdmu ħafna statwi fil-ġebla ratba Maltija.



L-aħwa Fabri flimkien kienu jaħdmu xogħlijiet li ta' min insemmu xi ħaġa dwarhom. Nibdew id-dawra tagħna f' Ħaż-Żabbar fejn fil-pjazza nsibu statwa ta' San Ġużepp. Opra oħra li tinsab fil-Kunvent tal-Agostinjani, hija statwa tal-ġebel ta' Santu Wistin li tinsab fl-istess Knisja ġewwa l-Belt Valletta. Jekk ngħaddu sa Ħal Qormi, quddiem il-Knisja l-qadima ddedikata 'l San Bastjan, insibu statwa ta' l-istess qaddis quddiem il-Knisja ddedikata lilu. Din l-istatwa skolpita fil-ġebla Maltija saret fl-1816. Meta tlestiet din l-istatwa, kienet saret festa speċjali mmexxija mill-Kappillan ta' Ħal Qormi, Dun Pawl Psaila. F'din l-istatwa lill-qaddis narawh marbut ma' zokk ta' siġra b' ħarstu 'l fuq jilqa' bil-kalma l-martirju tiegħu. Din l-istatwa hija meqjusa bħala l-kapolavur ta' dawn iż-żewġt aħwa skulturi, u fl-istess ħin kienet il-ħmira biex imbagħad inbniet knisja żgħira f'gieħ dan il-qaddis li maż-żmien żviluppat bħala t-tieni parroċċa ta' Ħal Qormi. Pero' jingħad ukoll li din l-istatwa hija xogħol tat-tfal ta' Gerolamo –



Antonio u Ġużeppi li komplew il-ħidma kbira fl-iskultura tal-ġebla Maltija ta ' missierhom u zijuhom. Jissemmew li ħadmu ħafna arki trijonfali fi żmien il-Kavallieri. Anke għamlu xi xogħlijiet fil-ġebla ġewwa l-Imdina.

U xi ngħidu għall-istatwi li nsibu fill-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq fejn hemm insibu żewġ statwi ta' San Pawl u San Pietru fil-kor tal-istess Knisja. L-istess jingħad li l-iskultur Fabri ħadem fil-ġebla Maltija l-istatwi ta' San Pawl u San Pietru li jinsabu fil-kor tal-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi. Żewġ statwi l-ġmiel tagħhom li jagħmlu l-kor tal-Knisja wieħed rikk. Iva…dawn l-istatwi jiffurmaw parti integrali mill-prospettiva barokka tal-kor li bla dubju joħolqu armonija stupenda.

Barra minn hekk, wieħed irid jgħid ukoll li ż-żewġ statwi ta' sbuħija artistika kbira jgħaqqdu u jagħmlu kor ta' preġju bi skultura barokka mill-aqwa fejn issib ukoll il-kwadru titulari ddedikat lit-Tewmaturgu San Nikola, xogħol tal-Mattia, kif ukoll iż-żewġ kwadri laterali li juru lil San Nikola jeħodha kontra Arju fil-Konċilju ta' Niċea u lil San Nikola fil-Kalzri. Dawn huma xogħol tal-pittur ċelebri Senglean Franġisku Zahra (1710 – 1733). Il-prospettiva kollha tal-artal tal-kor juri s-sbuħija u l-kapaċita' tal-artistrija u s-snajja' Maltija. Fuq naħa nsibu lil San Pietru, filwaqt li fuq in-naħa l-oħra nsibu lil San Pawl. Ta' min jinnota li huma ħafna Knejjes fil-gzejjer Maltin li għandhom dawn l-istatwi kbar ta' San Pawl, il-bniedem li seddaq fina l-Maltin il-fidi tal-Kristjaneżmu, u San Pietru, il-bniedem li Ġesu' ħalla f'idejh sabiex imexxi lill-poplu t'Alla fl-ewwel żminijiet.

Minkejja d-diffikultà li sibt sabiex insib aktar tagħrif siewi dwar il-familja Fabri u l-opri li ħallew lilna b'wirt sabiex inkunu nistgħu ingawduhom u napprezzawhom f'ħajjitna, naħseb li tistgħu tagħrfu b'dawn il-ftit ħsibijiet il-ħila li kellhom fihom dawn l-iskulturi Maltin.

**Referenza.**

P.P. Castagna, Storja ta' Malta, Vol. III. p.202.

Grazzi tmur lejn Dun Nikol Aqulina għall-inkoraġġiment li tani sabiex nikteb fuq dawn l-iskulturi aħwa li sebbħu l-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi.